# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 230/2019 FL-ATTI TAL-ITTRA UFFIĊJALI NUMRU 1935/2019 FL-ISMIJIET: **L-AWTORITA' TAL-IPPJANAR V. JOHN BONELLO (KI. 595147M)**

(IRKUPRU TA' AMMONTI DOVUTI LILL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR TAHT L-ARTIKOLU 100(6) TAL-ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP – KAP. 552, ART. 100(6) – OPPOSIZZJONI TAD-DEBITUR GĦAL TALI PROĊEDURA – KAP. 552, ART. 100(7) –MULTA TA' KULJUM META PERSUNA TONQOS MILLI TIKKONFORMA RUHHA MA' AVVIŻ TA' TWETTIQ ENTRO T-TERMINU PRESRKITT – KAP. 552, ART. 100(4), L.S. 552.24, ART. 3 – IL-PROCEDURA TAHT L-ART. 100(7) TAL-KAP. 552 M'GHANDIEX TINTUZA SABIEX IL-QORTI TINDAGA DWAR JEKK AVVIZ TA' WAQFIEN U TWETTIQ LI MA JKUNX ĠIE APPELLAT, KIENX WIEĦED VALIDU JEW LE)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**9 ta' Ġunju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' John Bonello (hawn imsejjaħ "ir-rikorrent") intavolat ai termini tal-Art. 100(7) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta fl-14 ta' Ottubru 2019[1] li permezz tiegħu talab is-segwenti:

"Illi r-rikorrent ġie notifikat b'ittra uffiċjali datata 18 ta' Settembru 2019 ppreżentata mill-Awtorità tal-Ippjanar ai termini tal-Artikolu 100 (5) u (6) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tagħha r-rikorrent ġie interpellat iħallas is-somma ta' sitt'elef, disa' mija u sittin Ewro (€6,960) rappreżentanti ħlas dovut lill-istess Awtorita` dovuta kwantu għal elf sitt mija u tmenin Ewro (€1,680) bħala multa għal kull ġurnata skond ir-regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar multi għal kull ġurnata (Avviz Legali 276 tal-2012) rigwardanti żvilupp mingħajr permess ta' żvilupp kif speċifikat fl-avviż ta' twettiq numru ECF 102/18 matul il-perjodu mill-14 ta' Novembru 2018 sal-14 ta' Jannar 2019, u kwantu għal

[1] Fol 1-3

ħames t'elef mija u tmenin Ewro (€5,280) bħala multa għal kull ġurnata fir-rigward tal-istess matul il-perjodu mill-15 ta' Jannar 2019 sas-26 ta' Mejju 2019, kopja tal-istess ittra uffiċjali qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dokument 'A'.

Illi r-rikorrent qed jopponi t-talba tal-Awtorita` tal-Ippjanar ai termini tas-sub-inċiż (7) tal-Artikolu 100 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta u dana għal diversi raġunijiet kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, fosthom billi m'huwiex minnu li fis-sit in kwistjoni hemm l-irregolaritajiet kif indikati fl-avviż ta' twettiq numru ECF 102/18.

Għaldaqstant r-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-raġunijiet premessi tiddikjara l-pretensjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar hekk kif kontenuta fl-ittra uffiċjali datata 18 ta' Settembru 2019 bħala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjeż."

wara li rat ir-risposta tal-Awtorita' tal-Ippjanar (hawn imsejjħa "l-intimata", "l-Awtorita'" jew "l-Awtorita' intimata") ppreżentata fid-29 ta' Novembru 2019[2] li permezz tagħha rrispondiet kif ġej:

1. "Illi ma hux assolutament minnu li t-talba għall-ħlas tal-Awtorita` esponenti kif kontenuta fl-ittra uffiċjali numru 1935/19 hi *"infondata fil-fatt u fid-dritt"*. Proprju bil-kontra ta' dan – kif ser jirriżultà waqt is-smigħ ta' din il-kawża – l-istess talba għall-ħlas hi ġusta u mistħoqqa fil-liġi.

2. Illi l-unika raġuni miġjuba mir-rikorrent biex isostni l-oppożizzjoni tiegħu hija illi *"m'huwiex minnu li fis-sit in kwistjoni hemm l-irregolaritajiet kif indikati fl-avviż ta' twettiq numru ECF 102/18."* Biss ir-rikorrent ma jistax jinqeda b'dawn il-proċeduri – kif effettivament qiegħed jittenta jagħmel – biex jikkontesta l-mertu tal-*enforcement notice* numru 102/18 fuq il-bażi tal-allegazzjoni tiegħu *(del resto nfondati)* li ma hemmx irregolaritajiet fuq is-sit kolpit bl-avviż mertu ta' dawn il-proċeduri. Kemm il-darba r-rikorrent ried li jagħmel dan – jiġifieri jikkontesta l-mertu tal-*enforcement notice* – huwa kellu jirrikorri għar-rimedju opportuni disponibbli għalih skont il-Liġi, li hu dak ta' appell mill-istess *enforcement notice* quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar a tenur tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta bi dritt ta' appell ulterjuri quddiem il-Qorti tal-Appell. Ir-rikorrent naqas milli jressaq appell mill-imsemmija *enforcement notice* u allura huwa ġie li ssokkomba u aċċetta l-ordni kontenuta fl-istess Avviż.

3. Illi għall-bqija, peress li r-rikors hu karenti għal kollox minn spjegazzjoni ċara li tfisser b'mod xieraq ir-raġunijiet li fuqhom ir-rikorrent qiegħed isejjes l-oġġezzjoniijiet tiegħu, u għalhekk l-Awtorita ma setgħetx tressaq risposta aktar dettaljata, l-Awtorita tirriserva li tressaq risposta ulterjuri jekk ikun il-każ, dejjem bil-permess ta' din il-Qorti.

[2] Fol 8-9

> Illi għar-raġunijiet premessi, it-talba tar-rikorrent sabiex il-Qorti tiddikjara t-talba tal-Awtorita` intimata bħala waħda infondata għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanzi tagħhom,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Elenku kronoloġiku tal-fatti

1. **<u>03/12/2015:</u>** Ir-rikorrent ippreżenta applikazzjoni mal-Awtorita' għal *Full Development Permission*[3] rigwardanti l-fond "L-Għalqa ta' Ġianni" fi Triq Għaxqet l-Għajn, Għargħur (hawn imsejjaħ "il-fond") bis-segwenti proposta:

   > "Existing street retaining wall to be dismantled and rebuilt due to dangerous condition and increase in height above street level to 1.2m to render site safe. Sanction access ramp and proposed alterations to access ramp & sanction timber structure for pigeons"

2. **<u>09/08/2016</u>**: L-Awtorita' ħarġet il-*Full Development Permission* bin-numru uffiċjali PA/00092/16 validu għal ħames (5) snin, liema permess ġie ippubblikat fl-24/08/2016. Bis-saħħa tal-Art. 80 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-permess ġie modifikat mill-Awtorita' fit-22/06/2018 u ġie ppubblikat fl-04/07/2018.[4]

3. **<u>08/06/2017:</u>** Uffiċjali tad-Direttorat tal-Infurzar fi ħdan l-Awtorita' għamlu spezzjoni fil-fond tar-rikorrent u rriżultawlhom ċertu illegalitajiet[5]. Huma ħadu r-ritratti liema ritratti ġew esebiti a fol 39 u 40. L-Awtorita' tat opportunita lir-rikorrenti sabiex ineħħi dawn l-illegalitajiet.

4. **<u>20/06/2018</u>**: Saret it-tieni spezzjoni mill-uffiċjali tad-Direttorat tal-Infurzar fejn irriżultahom li l-illegalitajiet ma tneħħewx. Ritratti li ħadu huma ġew esebiti a fol 41 sa 60.

[3] Fol 114-118
[4] Fol 123-130
[5] Xhieda ta' Ian Galea mogħtija fil-21 ta' Novembru 2022 a fol 81 *et. seq.*

5. **<u>22/06/2018:</u>** Inħareġ *stop and enforcement notice* (Avviż ta' Waqfien u Twettiq[6]) fil-konfront tas-sid, bin-numru uffiċjali EC/00102/18. Skont dan l-Avviż, il-ksur tal-kontroll tal-ippjanar kien jikkonsisti f:

   > "żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti minn bini ta' strutturi tal-injam li huma oltre minn dak approvat fil-permess PA 92/16 datat 9 t'Awwissu 2016, kif ukoll pavimentar, passaġġi u rampa bil-konkos, ħajt ta' mat-triq li ġie mibdul mhux skont il-pjanti approvati, kif ukoll xatba tal-injam"

   Ir-rikorrent għalhekk ġie avżat sabiex ineħħi l-iżvilupp u jreġġa lura s-sit għall-istat li kien fih qabel ma sar l-imsemmi żvilupp, entro 16-il ġurnata. Inoltre r-rikorrent ġie infurmat illi l-ksur jikkwalifika għall-penali taħt l-A.L. 276 tal-2012 (Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata) u għalhekk wissietu illi huwa ser ikun suġġett għall-multa taħt il-Kategorija Ċ:

| Skeda ta' Multi għal kull Ġurnata | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | DATA TAN-NOTIFIKA + | | | | |
| | 0-16-il ġurnata | 17-50 ġurnata | 51-180 ġurnata | 181-365 ġurnata | 366 ġurnata jew aktar |
| Kategorija Ċ | xejn | EUR 10 kull jum | EUR 20 kull jum | EUR 40 kull jum | EUR 50 kull jum |

6. **<u>26/06/2018:</u>** Is-sid ġie notifikat bl-Avviż ta' Waqfien u Twettiq[7]. **<u>Ian Galea</u>** ikkonferma fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2022 illi **<u>l-avviż ma' ġiex appellat</u>** u li lanqas ma saru xi kontestazzjonijiet mod ieħor jew ġiet intavolat xi applikazzjoni sanatorja[8].

   Fi kliem **<u>John Bonello</u>**, iben ir-rikorrent (li ukoll għandu l-istess isem), missieru kien dilettant tal-ħamiem u kien applika biex jagħmel *pigeon loft* u fil-permess li kien inħariġlu kien ingħata permess li jagħmel wieħed tal-injam. Biss missieru kien estendieh *"daqsxejn iktar milli kellu fil-permess".*[9] Ix-xhud qal illi l-uffiċjali tal-Awtorita' qalulu ukoll b'ċint tal-*bricks* li kien għamlu missieru wara li kien ġie distrutt b'xi inċident stradali u kien hemm ukoll rampa li kienet wisq wiesa'. Qal li kien hemm ħafna affarijiet x'kellu jagħmel wara li marru jagħmlu l-ispezzjoni tal-Awtorita' u qal illi huwa bena ċ-ċint kif suppost bil-ġebel, ċekken ir-rampa u qala' xi konkos pavimentat u għamel minflok *pallets* tal-injam. Qala ukoll saqaf li imbagħad ġie qisu kannizzata. Qal li kellu jieqaf għal xi żmien minħabba li kien weġġa iżda

---

[6] Fol 37-38
[7] Fol 38
[8] Fol 82
[9] Xhieda ta' John Bonello mogħtija fid-29 ta' Novembru 2021 a fol 29A *et. seq.*

imbagħad lesta x-xogħol sal-aħħar tas-sena 2018 jew bidu tas-sena 2019. Huwa esebixxa ukoll ritratti tax-xogħol li qal li għamel a fol 30-32.

**Ian Galea** ċaħad li r-rikorrent neħħa l-illegalitajiet ilmentati. Anzi, meta ttieħdu ritratti mill-ajru rriżulta illi l-illegalitajiet baqgħu jiżdiedu. Iżjed dwar dan iktar 'l quddiem f'din is-sentenza.

7. **23/11/2018:** Inħarġet fattura mill-Awtorita' bin-numru **10562** għall-ammont ta' €2,140 rappreżentanti t-total ta' multa ta' kuljum għall-perjodu 26/06/2018 sa' 13/11/2018[10]. Din il-fattura ġiet notifikata lis-sid u inoltre intbagħtet lis-sid flimkien ma ittra bonarja datata 11/01/2019[11].

8. **26/01/2019:** Inħarġet fattura mill-Awtorita' bin-numru **10658** għall-ammont ta' €1,680 rappreżentanti t-total ta' multa ta' kuljum għall-perjodu 14/11/2018 sa' 14/01/2019[12]. Din il-fattura ġiet notifikata lis-sid fl-04/02/2019[13] u ntbagħtet ukoll lis-sid flimkien ma ittra bonarja datata 14/06/2019[14].

9. **13/06/2019:** Inħarġet fattura mill-Awtorita' bin-numru **10811** għall-ammont ta' €5,280 rappreżentanti t-total ta' multa ta' kuljum għall-perjodu 15/01/2019 sa' 26/05/2019[15]. Din il-fattura ġiet notifikata lis-sid fis-17/06/2019[16] u ntbagħtet ukoll lis-sid flimkien ma ittra bonarja datata 19/07/2019[17] li ġiet notifikata lis-sid fit-23/07/2019[18].

10. **17/09/2019:** Inħarġet fattura mill-Awtorita' bin-numru **10998** għall-ammont ta' €4,790 rappreżentanti t-total ta' multa ta' kuljum għall-perjodu 27/05/2019 sa' 05/09/2019[19]. Din il-fattura ġiet notifikata lis-sid fl-24/09/2019[20].

---

[10] Fol 63
[11] Fol 64
[12] Fol 65
[13] Fol 66
[14] Fol 67
[15] Fol 69
[16] Fol 68
[17] Fol 71
[18] Fol 72
[19] Fol 76
[20] Fol 77

11. **<u>18/09/2019:</u>** L-Awtorita' ppreżentat l-ittra uffiċjali bin-numru 1935/2019[21] kontra r-rikorrent ai termini tal-Art. 100(5) u (6) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta b'talba għall-ħlas tas-somma ta' € 6,960 rappreżentanti:

> "ħlas dovut lill-istess Awtorita' kwantu għal €1,680.00 bħala multa għal kull ġurnata skond ir-regolament 3 tar-Regolamenti tal-2012 dwar Multi għal Kull Ġurnata (Avviż Legali 276 tal-2012) rigwardanti żvilupp mingħajr permess ta' żvilupp kif specifikat fl-avviż ta' twettiq numru ECF 102/18 matul il-perjodu mil-14 ta' Novembru 2018 sal-14 ta' Jannar 2019, liema ħlas hu dovut skond Invoice numru **10658** kopja ta' liema Invoice tinsab hawn annessa bħala **Dokument A**; u kwantu għal €5,280.00 bħala multa għal kull ġurnata fir-rigward tal-istess, matul il-perjodu mil-15 ta' Jannar 2019 sas-26 ta' Mejju 2019, liema ħlas hu dovut skond Invoice numru **10811** kopja ta' liema Invoice tinsab hawn annessa bħala **Dokument B**.

Mal-ittra ġiet annessa d-dikjarazzjoni maħlufa taċ-Chairman Eżekuttiv tal-Awtorita'[22]. L-ittra bid-dikjarazzjoni annessa ġiet notifikata lir-rikorrent fis-27/09/2019.

12. **<u>14/10/2019:</u>** Infetħet il-kawża odjerna meta r-rikorrent oppona t-talba tal-Awtorita' permezz ta' rikors ippreżentat taħt l-Art. 100(7) tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta.

13. **<u>23/05/2021</u>**: Kif ġa ngħad iktar 'l fuq, fix-xhieda tiegħu **<u>Ian Galea</u>** ċaħad li r-rikorrent neħħa l-illegalitajiet ilmentati. Anzi, meta ttieħdu ritratti mill-ajru rriżulta illi l-illegalitajiet baqgħu jiżdiedu. F'dan ir-rigward ġie esebit *aerial photo* meħud minn Google Earth fit-23 ta' Mejju 2021 a fol 85.

14. **<u>17/11/2022:</u>** Saret spezzjoni oħra mill-Uffiċjali tad-Direttorat tal-Infurzar u dawn ħadu ritratti li ġew esebiti a fol 86-113. Skont **<u>Ian Galea</u>** minn din l-ispezzjoni u oħrajn li saru qabel irriżulta lill-Awtorita' illi:

> "l-illegalitajiet mertu ta' dan l-Avviż kien u għadhom hemm hekk kif ukoll żiedu affarijiet oħrajn fuq is-sit. L-Attur kien preżenti fuq is-sit is-Sur John Bonello Senior u ġie nfurmat u aħna nfurmati wkoll illi għandu jikkuntatja l-Uffiċjali tal-Awtorita' mal-Perit tekniku tiegħu"

Inoltre huwa żied jgħid is-segwenti:

> "wieħed jista' jikkumpara r-ritratti b'mod speċjali l-aħħar ritratt jidher ċar x'sar ukoll fost oħrajn biex inkunu semmejna wieħed. U anke meta tikkumpara l-estent li tar-ritratt li ppreżentajt tal-

[21] Fol 73-75
[22] Fol 75

Google earth vis-a-vis dokumenti diġa' ppreżentati mis-Sur Roderick Livori f'RL3 tax-xhieda tiegħu li huwa aerial photos tat-2016 u tat-2018 jidher ċar illi l-illegalitajiet żdiedu. L-Uffiċjali tal-Infurzar iddentifikaw strutturi tal-injam oħrajn addizzjonali ma' dak li kien hemm mertu tal-Avviż kif ukoll tankijiet tal-ilma li skond il-Liġijiet leġislattivi ma humiex permissibbli; imbarazz ta' scrap u llegalitajiet oħra li għadhom fuq is-sit u li żdiedu fuq is-sit. L-Uffiċjali tal-Infurzar qegħdin jevalwaw il-possibbilta' ta' x'tip ta' azzjoni għandhom jieħdu rigward ksur tal-Avviż u ksur tal-ordni"

## Kunsiderazzjonijiet

15. Il-ħruġ ta' Avviż ta' Waqfien u Twettiq huwa regolat *inter alia* mill-Artikolu 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp) illi jipprovdi fost oħrajn illi:

**'97(4). Jekk lill-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu li xi attività u, jew żvilupp ta' art ikun ġie mwettaq wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att mingħajr l-għoti ta' permess meħtieġ f'dak ir-rigward taħt dan l-Att, jew li xi kondizzjonijiet li għalihom permess bħal dak mogħti fir-rigward ta' xi attività u, jew żvilupp kien soġġett ma ġewx imħarsa, il-Kunsill Eżekuttiv jista', wara li jikkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-pjanijiet għall-iżvilupp, policies tal-ippjanar u kull konsiderazzjoni oħra ta' sustanza, jinnotifika lis-sid tal-art jew lill-okkupant tal-art jew lill-persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom kif il-Kunsill Eżekuttiv jidhirlu l-aktar spedjenti, avviż ta' twettiq u s-subartikolu (3) għandu japplika hawn ukoll, billi jeħtieġ li jittieħdu dawk il-passi li jiġu speċifikati fl-avviż fiż-żmien hekk ukoll speċifikat sabiex l-art titreġġa' lura għall-istat li kienet fih qabel ma saret l-attività u, jew l-iżvilupp jew għat-tneħħija ta' żvilupp jew sabiex jiżgura konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija qabel, skont kif ikun il-każ, u b'mod partikolari, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak hawn aktar qabel imsemmi kull avviż bħal dak jista', għall-għanijiet imsemmija, jeħtieġ id-demolizzjoni jew tibdil ta' kull bini jew xogħlijiet, il-waqfien ta' xi użu ta' art, jew li jsiru fuq l-art kull bini jew xogħlijiet oħra ...**

**97(7). Avviż taħt dan l-artikolu jista' jinkludi kombinazzjoni ta' avviż ta' waqfien u avviż ta' twettiq u għandu jkun magħruf bħala avviż ta' waqfien u twettiq. Iżjed minn hekk avviż mogħti skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, eskluż it-talba immedjata sabiex twaqqaf jew tipprojbixxi aktar xogħol jew żvilupp jew li tkun teħtieġ il-waqfien tal-użu, għandu jkun effettiv mal-għeluq ta' dak iż-żmien, li ma jkunx inqas minn ħmistax-il ġurnata u mhux aktar minn sittin ġurnata min-notifika tiegħu, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż...**

**97(11) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata minn xi avviż notifikat lilha tista' tappella kontra tiegħu lit-Tribunal skont l-Att dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, f'liema każ l-effetti tal-avviż, ħlief it-talba li twaqqaf jew tipprojbixxi aktar attività u, jew żvilupp jew tirrikjedi t-twaqqif ta' użu, għandhom ikunu sospiżi sakemm l-appell jiġi maqtugħ b'mod finali.'**

16. Kif ġa ntqal iżjed 'l fuq, l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq ma' ġiex appellat mir-rikorrent. Filfatt il-proċedura odjerna m'hijiex intiża biex twaqqaf jew b'xi mod terġa tiftaħ mill-ġdid l-Avviż in kwistjoni. L-għan tagħha iżda huwa illi ġġib fix-xejn l-multi mitluba mill-Awtorita' skont il-liġi **<u>wara</u>** li l-Avviż ma' ġiex appellat u r-rikorrent naqas milli jottempora ruħu ma' dak li l-Avviż talbu biex jagħmel.

17. F'dan ir-rigward skond l-Art. 100(4) tal-Kap. 552:

**100 (4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet jew regolamenti maħruġa taħt dan l-Att, meta ma jsirx appell minn avviż ta' twettiq u s-sid jew l-okkupant tal-art soġġetta għall-avviż ta' twettiq jew kull persuna responsabbli għall-atti msemmija fl-avviż, jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dak l-avviż ta' twettiq fiż-żmien preskritt fl-avviż ta' twettiq, dik il-persuna għandha tkun obbligata li tħallas multa ta' kuljum li għandha tkun regolata b'regolamenti magħmula mill-Ministru, li ma tkunx teċċedi ħamsin euro (€50) għal kull jum li għandha tapplika mill-jum li dik l-illegalità msemmija fl-avviż ta' twettiq li jkun notifikat, tkompli. Meta l-avviż ikun ġie appellat u l-avviz ta' twettiq ikun ġie kkonfermat mit-Tribunal jew mill-Qorti tal-Appell (Ġurisdizzjoni Inferjuri), kif ikun il-każ, il-multa ta' kuljum għall-kontinwazzjoni tal-illegalità għandha tkun ikkalkolata mid-data oriġinali notifikata fl-avviż ta' twettiq:**

**Iżda l-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi dati differenti minn meta l-multi ta' kull jum jibdew jiġu kkalkulati.**

18. Skond l-Art. 3(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 (Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi li daħlu fis-seħħ permezz tal-Avviż Legali 276 tal-2012, kif emendat):

**3. (1) Meta l-Awtorità tagħti avviż bil-miktub lil xi persuna skont l-artikolu 86 jew 88 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal- Iżvilupp fir-rigward ta' ksur li jkun sar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tavża wkoll lil dik l-istess persuna li hu jkun qiegħed jiġi soġġett għal multa għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet tal-Iskeda.**

19. L-Artikolu 86 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp imsemmi fl-artikolu preċitat (taħt liema Artikolu l-Awtorità kienet toħroġ l-Avviżi ta' Waqfien u Twettiq) huwa analogu għal u ġie suċċedut mill-Art. 97 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar L-Ippjanar tal-Iżvilupp) fuq imsemmi. Għal xi raġuni jew oħra pero l-leġislatur baqa' ma' emendax ir-Regolamenti msemmija sabiex jirriflettu l-liġi li hija fis-seħħ illum. Għalkemm dan in-nuqqas ma' jġibx b'daqshekk in-nullita tal-multi in kwistjoni, madanakollu l-Qorti tħoss illi ikun għaqli, kif diġà għamlet fil-passat[23], illi tiġbed l-attenzjoni tal-leġislatur sabiex jindirizza din l-anomalija u b'hekk jevita kumplikazzjonijiet bla bżonn.

20. L-ittra uffiċjali mertu ta' din il-proċedura ġiet intavolata mill-Awtorita' intimata bis-saħħa tal-Art. 100(5), (6) u (7) tal-Kap. 552 li jipprovdu kif ġej:

> **100(5). L-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Kunsill Eżekuttiv fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu taħt dan l-artikolu, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew xi regolamenti maħruġin taħt l-istess Att ikunu jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità mingħand il-persuna li f'dak iż-żmien tkun sid l-art, jew mingħand l-okkupant tal-art, jew mingħand persuna responsabbli għall-għemil indikat f'xi avviż, inkluż avviż ta' ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra...**
>
> **(6) Meta l-Awtorità tkun trid tagħmel proċeduri ġudizzjarji biex tirkupra dejn dovut lill-Awtorità taħt xi liġi jew regolament li hija jkollha jedd li tenforza, iċ-Chairperson Eżekuttiv jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità awtorizzat kif imiss miċ-Chairperson Eżekuttiv biex jaġixxi f'ismu, jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan ikun dovut.**
>
> **(7) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (6) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.**

---

[23] Ara fost oħrajn **L-Awtorita' tal-Ippjanar v. Christian Camilleri** (Rik 54/2019, deċiż 14/11/2022)

21. Din il-proċedura hija għalhekk intiża mir-rikorrent illi ġġib fix-xejn id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' intimata annessa mal-ittra uffiċjali tagħha illi huwa għandu jagħtiha s-somma ta' € 6,960 bħala multa komplessiva li ddekoriet skond ir-Regolamenti fuq imsemmija fir-rigward tal-iżvilupp speċifikat fl-Avviż in kwistjoni bejn l-14 ta' Novembru 2018 u s-26 ta' Mejju 2019. Skont l-Leġislazzjoni Sussidjarja 552.24 fuq imsemmija (Ir-Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi) l-iskeda tal-multi tiddependi mill-kategorija li taħtha jaqa' l-iżvilupp in kwistjoni. Kif diġà ngħad iżjed 'l fuq, fl-Avviż in kwistjoni r-rikorrent kien ġie informat li l-iżvilupp u l-multa in kwistjoni jaqgħu taħt Kategorija Ċ li taqra kif ġej:

| KATE-GORIJA | | DATA TAN-NOTIFIKA + | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 0 - 16 il-ġurnata | 17 - 50 il-ġurnata | 51 - 180 il-ġurnata | 181 - 365 il-ġurnata | 366 il-ġurnata jew aktar |
| Ċ | Zvilupp li jikkonsisti fi:<br>I_) kull żvilupp li jaqa' taħt il-Kategorija B li jinsab fl-O.D.Z., kif ukoll żvilupp li jaqa' taħt il-Kategorija B(III) li jinsab f' U.C.A.; jew<br>II_) skavar f''żona skedata ta' importanza arkeoloġika li jkunu ta' aktar minn *footprint area* ta' 15-il metru kwadru; jew<br>III_) it-twaqqiegħ ta' bini skedat jew ta' partijiet minnu, jew il-ħsara tal-materjal storiku ġewwa proprjetà skedata; jew<br>IV_) it-tqegħid ta' materjal jew tfiegħ ta' konkos/asfalt/pavimentar jew skavar/tqattiegħ, fuq partijiet ta' art skedata jew S.A.Cs., liema partijiet ikunu huma stess ta' valur ta' wirt storiku, li jkunu ta' aktar minn *footprint area* ta' 75 metru kwadru. | xejn | €10 kull jum | €20 kull jum | €40 kull jum | €50 kull jum |

22. Ta' min jgħid li bid-dikjarazzjoni ġuramentata li ġiet notifikata lir-rikorrent l-Awtorita' ma nkludietx l-ewwel fattura li nħarġet, ossia dik bin-numru 10562 għall-

ammont ta' €2,140 rappreżentanti t-total ta' multa ta' kuljum għall-perjodu 26/06/2018 sa' 13/11/2018[24].

23. Għalkemm fir-rikors tiegħu r-rikorrent jisħaq li qed jopponi għat-talbiet tal-Awtorita' intimata *"għal diversi raġunijiet"*, madanakollu ħareġ ċar mill-atti proċesswali illi effettivament huwa, jew aħjar ibnu (li ukoll jismu John Bonello), qed jilmenta biss illi *"m'huwiex minnu li fis-sit in kwistjoni hemm l-irregolaritajiet kif indikati fl-avviż ta' twettieq numru ECF 102/18".* Issa apparti l-fatt li mill-provi jirriżulta b'mod pależi illi l-Awtorita' kellha raġun dwar l-illegalitajiet li dwarhom ħarġet l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq in kwistjoni (u *di piu* jidher illi l-illegalitajiet addirittura baqgħu jiżdiedu!), jibqa' l-fatt illi r-rikorrent bl-ebda mod ma kkontesta dan l-Avviż skont ma jiddisponi l-Art. 97(11) tal-Kap. 552 ossia' bil-preżentazzjoni ta' appell lit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Fil-fehma tal-Qorti n-nuqqas tiegħu li jagħmel dan ifisser illi l-Avviż issa huwa wieħed finali u ma jistax jiġi mibdul sakemm mhux b'xi deċiżjoni oħra tal-istess Awtorita'. Il-Qorti tqis li l-proċedura taħt l-Art. 100(7) tal-Kap. 552 mhijiex intiża sabiex iġġib fix-xejn Avviż ta' Waqfien u Twettiq li ma jkunx ġie appellat skont il-liġi, iżda jekk xejn hija intiża sabiex permezz tagħha r-rikorrent jopponi talba tal-Awtorita' għall-ħlas ta' dejn ossia' multa li tkun ġiet maħruġa **abbażi tal-istess Avviż**.

24. Dan ifisser illi biex ir-rikorrent jikseb eżitu favorevoli għar-rikors tiegħu huwa jeħtieġlu jikkonvinċi lill-Qorti mhux li l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq ma kienx wieħed validu (għaliex din hija kwistjoni li ma taqax taħt il-kompetenza tal-Qorti f'din il-proċedura) iżda illi l-multa mitluba minnu m'hijiex dovuta. Dan jista' jkun għal diversi raġunijiet fosthom per eżempju għaliex il-multa in kwistjoni tkun ġiet imposta taħt kategorija żbaljata jew għaliex il-multa ma tapplikax minħabba li saru x-xogħolijiet rikjesti mill-Awtorita' entro t-terminu stipulat jew inkella għaliex l-illegalitajiet saru qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti dwar Multi għal kull Ġurnata u Multi Amministrattivi (inċidentalment il-provi juru illi filfatt l-illegalitajiet bdew iseħħu wara l-2012 u allura d-dħul fis-seħħ tar-regolamenti msemmija).

25. Minn dan kollu r-rikorrent ma għamel xejn apparti li ressaq ix-xhieda ta' ibnu John Bonello li jirriżulta illi kienet waħda żbaljata (u fil-fehma tal-Qorti, qarrieqa). Lanqas ma ndenja ruħu jaħtar Perit tal-fiduċja tiegħu sabiex jikkonstata x-xogħolijiet li jgħid li wettaq sabiex ireġġa s-sit għal kif kien. Għalhekk il-Qorti ma tistax ħlief tqis illi r-

[24] Fol 63

rikors tiegħu ma kien xejn għajr tentattiv frivolu jekk mhux ukoll vessatorju sabiex itawwal iż-żmien inutilment (u kontra tiegħu) għall-ħlas tal-multa.

**Ammont mitlub**

26. Skond l-Art. 97 tal-Kap. 552, Avviż ta' Waqfien u Twettiq '**għandu jkun effettiv mal-għeluq ta' dak iż-żmien, li ma jkunx inqas minn ħmistax-il ġurnata u mhux aktar minn sittin ġurnata min-notifika tiegħu, kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż.**' [25] Inoltre kif ġa ngħad iktar 'l fuq skond l-Art (3) tal-L.S. 552.24, il-multa tibda tiskatta '**għal kull ġurnata wara sittax-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż kif stabbilit u stipulat fid-dispożizzjonijiet tal-Iskeda'.**

27. Mill-provi rriżulta illi l-Avviż ta' Waqfien u Twettiq kellu terminu ta' sittax-il (16) ġurnata sabiex matulhom ir-rikorrent jneħħi l-iżvilupp illegali u jreġġa lura s-sit għall-istat oriġinali tiegħu. Irriżulta ukoll illi l-Avviż ġie notifikat lir-rikorrent fis-26 ta' Ġunju 2018, ma' ġiex appellat u **ma sarux ix-xogħolijiet li kien hemm bżonn isiru sabiex is-sit jitreġġa għal kif kien qabel.** Dan jfisser allura illi l-multa ta' kuljum bdiet tiskatta mit-**12 ta' Lulju 2018** (is-17-il ġurnata wara d-data tan-notifika). Il-multa applikabbli kienet dik li taqa' taħt il-Kategorija Ċ, xi ħaġa li ma' ġietx ikkuntestata mir-rikorrent f'din il-kawża. Sal-**14 ta' Awwissu 2018** (il-50 ġurnata wara d-data tan-notifika) il-multa kienet dik ta' € 10 kuljum. Mill-**15 ta' Awwissu 2018** (il-51 ġurnata mid-data tan-notifika) sat-**22 ta' Diċembru 2018** (il-180 ġurnata mid-data tan-notifika) il-multa telgħet għal dik ta' € 20 kuljum. Mit-**23 ta' Diċembru 2018** (il-181 ġurnata mid-data tan-notifika) sal-**25 ta' Ġunju 2019** (it-365 ġurnata wara d-data tan-notifika) il-multa telgħet għal € 40 kuljum u mis-**26 ta' Ġunju 2019** 'l quddiem il-multa telgħet għal € 50 kuljum.

28. L-Awtorita' ddeċidiet, kif kellha kull dritt li tagħmel, li trendi eżekuttivi tnejn minn erba' fatturi li ħarġet qabel l-ittra uffiċjali in kwistjoni, ossia l-fattura li nħarġet għall-perjodu 14/11/2018 sa' 14/01/2019 (fattura numru **10658** għall-ammont ta' € 1,680[26]) u dik li nħarġet għall-perjodu 15/01/2019 sa' 26/05/2019 (fattura numru **10811** għall-ammont ta' € 5,280[27]).

29. Minn kalkoli sempliċi jirriżulta illi l-fattura numru **10658** tirrappreżenta l-multa ta' € 20 kuljum għal 39 ġurnata (14/11/2018 sa' 22/12/2018) u l-multa ta' € 40 kuljum għal 23 ġurnata (23/12/2018 sa' 14/01/2019). B'hekk strettament l-

[25] Kap. 552, Art. 97(7)
[26] Fol 65
[27] Fol 69

ammont ta' din il-fattura kellu jkun dak ta' € 1,700 mentri l-Awtorita' qed titlob € 1,680.

30. Il-fattura numru **<u>10811</u>** tirrappreżenta l-multa ta' € 40 kuljum għal 132 ġurnata (15/01/2019 sa' 26/05/2019) għall-ammont ta' € 5,280.

31. It-total ta' €6,960 għalhekk jirriżulta illi huwa wieħed ġustifikat billi huwa saħansitra ftit inqas minn dak li kellu jintalab.

**Deċiżjoni**

32. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, tiddikjara illi l-pretensjoni tal-Awtorita' intimata kif dedotta fl-ittra uffiċjali numru 1935/2019 u fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa magħha hija waħda korretta u għalhekk għal kull bwon fini tiddikjara illi l-istess dikjarazzjoni issa għandha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti fil-konfront tar-rikorrent.**

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent. Billi l-Qorti jidhrilha illi r-rikors promotur kien wieħed fieragħ hija qegħda inoltre tordna lir-rikorrent jħallas is-somma ta' € 500 fi spejjeż addizzjonali lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali.**

V.G. Axiak — Maġistrat

Y.M. Pace — Dep. Reġistratur